**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 401/17 AL

AB
u
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta (Dokument "A" hawn anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

2. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni minn xulxin permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis datat 11 ta' Jannar 2016 (Dokument "B" hawn anness);

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erba' snin mill-ahhar hamsa qabel illum;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli jew remot ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress li minbarra li ilhom snin twal mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-partijiet ghandhom dhul adegwat, u in oltre m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi l-esponenti jixtiequ li jigi pronunzjat id-divorzju bejniethom;

8. Illi din it-talba ghal divorzju m'ghandhiex tippregudika l-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Talbu li din il- Qorti :

a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Ottubru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-11 ta' Jannar, 2016 u ilhom jghixu mhux flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erba' snin mill-ahhar hamsa qabel illum;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.